KLR 9VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fin-12.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Michel Buttiġieġ.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Mill-minuti

1.1 Ġie suġġerit li minn barra l-*Weekend Breaks* f'Malta jiġu organiżżati wkoll ħarġiet kulturali ta' ġurnata f'Malta.

1.2 Inġibdet l-attenzjoni li fi Triq Palma naqas il-*litter bin* li kien faċċata tal-mużew tal-bniet. Jekk mhux ser jitwaqqa l-post ta' fejn kien dan il-*bin*, għandu jerġa jsir ieħor ġdid.

**2. Ftuħ tal-offerti:-*Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial"***

Infetħu l-offerti fil-presenza ta' William Sultana, l-*Project Administrator* ta' dan il-proġett. L-offerti mitfugħa jinsabu f' Dokument A.

**3. Ftuħ tal-offerti:- *Supply and Delivery of light Fittings and Luminaires for the Heritage Trail Project in Victoria, Gozo***

Infetħu l-offerti fil-presenza ta' William Sultana, l-*Project Administrator* ta' dan il-proġett. L-offerti mitfugħa jinsabu f' Dokument B.

## 4. Ħatra ta' żagħżugħ jew żagħżugħa bħala Ambaxxatur tal-VOT 16

Is-Sindku nnomina lill-Beppe Galea sabiex ikun dan l-ambaxxatur. Il-membri qablu ma din in-nomina.

## 5. Monument Mons. Luiġi Vella

Ġew mistiedna jidħlu fil-kamra il-Perit Edward Scerri li għamel il-pjanti lill-Kunsill sabiex ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-MEPA biex isir dan il-proġett u s-Sur Charlie Ħili, rappreżentant tat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Ġew spjegati xi dettalji fuq dan il-proġett u l-membri qablu li l-*Project Administrator* tal-proġett tal-ERDF għandu jikkomunika mal-kumitat li qed jieħu ħsieb dan il-monument sabiex meta jinbeda x-xogħol ikun hemm kordinament.

## 6. Triq San Ġorġ

L-offerti li ntefgħu sabiex jinxtara l-profido għal din it-triq jinsabu f'dokument Ċ anness. Il-Perit Edward Scerri spjega d-dettalji tal-offerti mitfugħa u ressaq ir-rapport tiegħu li hu skont dokument D anness. Il-membri qablu li jimxu ma dan ir-rapport u l-offerta tingħata lill-Gozo Concrete Prod. Ltd.

## 7. Laqgħa li saret mal-Minsitru għal Għawdex fil-21 ta' Ottubru 2013

Din kienet laqgħa kordjali ħafna u l-membri qablu li jkun ta' ġid jekk laqgħat bħal din isiru aktar ta' sikwit. Waqt il-laqgħa ġew diskussi diversi punti fosthom :-

i. l-proġett li se jagħmel il-Minsiteru fiċ-Ċittadella u l-proġett li għandu l-Kunsill fiċ-ċentru tar-Rabat. Miż-żewġ naħħat sar qbil li l-*Project Management Team* tal-Minsitru għandu jiltaqa' mal-*Project Administrator* tal-Kunsill għall-kordinament taż-żewġ proġetti minħabba l-fatt li jridu jsiru waqt l-istess żmien;

ii. il-bini al-Banca Giuratale. Ġie suġġerit minn naħħa tal-Ministru li l-Kunsill ma jibqax f'dan il-bini. Il-membri tal-Kunsill ma jaqblux li l-Kunsill ma jibqax fil-Banca iżda għandu jibqa' jinsisti li l-bini kollu jiġi taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill u l-Ministru għal Għawdex għandu jiġi nfurmat b'dan.

Waqt din id-diskussjoni l-membri qablu li jitqabbad il-Perit Gordon Vella sabiex terġa tiġi sottomessa l-applikazzjoni tal-MEPA sabiex s-sala t-tonda tinfetaħ u tiġi kamra waħda u tinħareġ l-offerta sabiex tinxtara l-għamra għall-ufficċju ta' fuq tal-amministrazzjoni.

## 8. Attivitajiet tal-Milied u Lejliet l-ewwel tas-Sena

Qed isir ix-xogħol tal-organiżazzjoni tal-attivitajiet li ser isiru waqt il-*Christmas Village*, fosthom *story telling*, *Animae Gosepel Choir*, il-korijiet tat-tfal tas-soċjetatjiet tal-baned Rabatin, *Big Friends Gugvemusik*, ritratti ma *Father Christmas* u żeffiena minn diversi skejjel taż-żfin li hawn fir-Rabat.

Għal-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena il-Kunsill stieden lil-Gianluca Beżżina u l-*band* tiegħu bħala *main band.* Is-Sindku qed jikkordina mal-grupp Fakawi , pero' għad m'għandux konferma. Gruppi oħra Għawdxin ser ikunu *The Travellers, Straight Ahead u Novel.*

**9. Immaniġjar tat-traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand Transport Malta (TM) fejn nħareġ il-permess għall-

9.1 *one metre double yellow lines* biswit kaxxa numru 5 tal-monti ta' Pjazza Indipendenza;

9.2 *double yellow lines* faċċata tal-garaxx ta' 'Lunzjata Court, fi Triq Dun Pawl Micallef;

9.3 *un/loading* quddiem *Extreme Technologies* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

9.4 *double yellow lines* quddiem 'Mulino Court', fi Triq Ġużeppi Spiteri;

Ma nħariġx il-permess għall:-

9.5 *double yellow lines* quddiem garaxxijiet fi Triq Santa Dminka u Triq Karolina Cauchi;

9.6 *un/loading bay* quddiem il-ħanut *Wurth* fi Pjazza J F Kennedy;

9.6 *single yellow line* minflok id-*double yellow lines* eżistenti quddiem il-ħanut *Gauda* fi Pjazza San Franġisk.

9.7 Rigward il-kaxxa safra li hemm quddiem il-garaxx numru 6 fi Triq San Duminku, TM għarrfet lill-Kunsill li kaxxa safra hi post għall-parkeġġ bħal kaxxa miżbugħa bajda. Għaldaqstant in-*no objection* għal din il-kaxxa mhix ser tiġi rtirata minn naħħa ta' TM.

9.8 Korrispondenza mingħand Mary Mercieca li toqgħod 104, Triq Santa Dminka fejn talbet *keep clear* ta' 1.5m quddiem id-dar tagħha. Din tuża l-bastun u ssottomettiet ċertifiakat mediku. Il-Kunsill għandu jitlob il-permess ta' *Transport Malta* (TM);

9.9 Il-membri qablu li jintalab il- permess ta' TM sabiex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fi Triq taħt Putirjal. Dan ikun l-ewwel wieħed n-naħħa tal-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani

**10. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

10.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali, Memo 21/2013 rigward telefon ċellulari tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk possibbli jibqa' bl-istess numru tal-*mobile*. Il-membri qablu.

10.2 Raymond Debattista ta' Flat W, Xambekk Crt. u mingħand Peter Whelan, ta' Duplex X, Xambekk Crt., it-tnejn fi Triq Wied is-Seqer. Dawn ma jsibux oġġezzjoni li teħel bozza ġdida mal-propjeta' tagħhom. Il-membri qalbu li l-bozza l-aħjar li teħel mad-dar ta' Peter Whelan;

10.3 Louis Debattista f'isem *Greyhounds Youth Atheltic Club*, li ssuġġerixxa li jorganiżża sports(altetika) lit-tfal Rabtin ta' bejn is-7 u l-15 –il sena. Il-membri qablu;

10.4 Alexander Axiak f'isem ARAW Constructions li talab permess sabiex ikun jista' jagħlaq Triq Palma meta jkun qed iwaqqa u jiskava post antik bin-numru 50. Qed jintalab li x-xogħol isisr bejn it-13 ta' Jannar u t-23 ta' Frar 2013. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

10.5 Odette Camilleri, Assistant Principal fil-Kusnill, li talbet li titla' skala 10 minn skala 11. Dan skont il-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikal ġewwa l-Kunsilli Lokali u l-UĦM 2012 – 2016. Il-membri qablu li jekk hi ntitolat għal dan għandha titla għal skala 10. Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Loakli;

10.6 Joebert Galea, skrivan fil-Kunsill, li talab sabiex wara li ħa *long leave* ikun jista' jerġa jidħol jaħdem xi ġranet matul il-ġimgħa għal dawn is-sitt xhur li ġejjin. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

10.7 Kerygma, rigward il-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013;

10.8 Franco Pace f'isem il-GO plc, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jitneħħew is-sitt *payphones* li hawn ifr-Rabat.

**11. Materji oħra**

Il-membri qablu li :-

11.1 x-xogħolijiet ta' *road markings* u *traffic management* li għandhom isiru fid-daħla ta' Kerċem isiru mill-Kunsill tar-Rabat peress li din il-parti taqa' fil-konfini tar-Rabat;

11.2 jitħawlu siġar taż-żebbuġ fl-*area* tax-Xkora. Dawn is-siġar qed jitqassmu mit-Taqsima tal-Agrikultura;

11.3 għandu jkun hemm il-presenza tal-gwardjani lokali aktar ta'spiss fil-ħin li jkun iżarma l-monti minħabba l-fatt li l-bejjiegħa qed iħallu ħafna ħmieġ wara li jżarmaw;

11.4 tinġibed l-attenzjoni tal-organiżżaturi tal-opra fit-Teatru Astra minħabba l-fatt li l-kunsillier Debrincat ma kienx fil-filliera tal-kunsilliera u l-biljetti li ngħata kienu eżatt mal-ħajt. Din ġrat diversi drabi waqt l-opri li jsiru f'dan it-teatru. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni li l-kunsilliera kollha għandu jkollhom post xieraq waqt il-*performance*.

Il-laqgħa spiċċat fit-15.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru 2013 f'nofs in-nhar.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |